**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 101/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur A. P. Miruzzi )**

**Vs**

**ROBERT SCERRI**

**Illum, 5 ta'Novembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Robert Scerri talli fis-16 ta'Ottubru, 2000, ghal habta tas-7.00 p.m., fl-Imtahleb:

1. Waqt li kien qed idur ghall-kacca ta' l-ghasafar minn fuq l-art, kellu fil-pussess tieghu senter tal-marka Benelli SN U-057660, u
2. Kellu fil-pussess tieghu ghasfur (kokka tax-Xaghri) li mhux xi ghasfur inkluz fl-Iskedi I,II,III, li jinstabu mar-regolamenti ta' l-Avviz Legali 146/93.

Rat is-sentenza moghtija fl-14 ta'Mejju, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha, filwaqt li ma sabetx lill-Robert Scerri hati ta' l-ewwel akkuza, u lliberatu minnha, sabitu hati tat-tieni akkuza, kkundannatu ghalhekk Lm300 Multa, kif ukoll ordnat il-konfiska tas-senter

Benelli SN U-057660, u skwalifikatu minn kull licenzja tal-kacca ghal zmien sena.

Rat ir-rikors t'appell ta'Robert Scerri datat 21 ta'Mejju, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-parti liberatorja taghha, tigi mhassra w annullata fil-parti fejn sabitu hati biex b'hekk jigi liberat minn kull piena w imputazzjoni. Talab li f'kaz li t-talba ghar-riforma ma tigiex milqugha, din il-Qorti thassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat il-konfiska tas-senter tieghu.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi, id-dokumenti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-aggravju ta'l-appellant jikkonsisti filli, skond hu, hemm konflitt car dwar jekk l-ghasfur in kwistjoni kienx xi ghasfur protett jew le.

Sabiex jissostanzja dan l-ilment tieghu, l-appellant jirreferi ghall-akkuza fejn hemm indikat dan l-ghasfur bhala kokka tax-xaghri, filwaqt li fir-ricevuta li tawh il-pulizija fil-hin ta' l-incident, bhala ghasfur li gie elevat mill-pussess tieghu hemm speci ta'ghasfur iehor. Barra minn hekk, jirrizulta li saret xi korrezzjoni mhux awtorizzata f'din ir-ricevuta filwaqt li ma saretx korrezzjoni fic-citazzjoni.

L-appellant jikkontesta wkoll il-fatt li skond hu r-ritratti esebiti mill-prosekuzzjoni certament ma jindikawx kokka tax-xaghri, li suppost giet elevata minghandu, izda ghasfur iehor ferm izghar minn kokka tax-xaghri.

Forsi kien ikun f'waqtu f'dan il-kaz li kieku l-ewwel Qorti, f'dawn ic-cirkostanzi, hatret espert sabiex jiccaralha xi speci ta' ghasfur hu involut. Sfortunatament dan ma sarx, ghalkemm l-appellant jallega li fis-seduta meta inghatat s-sentenza mill-ewwel Qorti, dik in-nhar kellu jigi prodott mill-prosekuzzjoni xi espert f'dan il-qasam, haga li ma saretx.

F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti taqbel ma' l-appellant li f'dan il-kaz hemm konflitt ta'provi, u anke nuqqas ta' provi sodisfacenti li juru ezattament x'kien l-ghasfur in kwistjoni, u jekk dan kienx ghasfur protett.

Hu f'dan is-sens li l-Qorti tara li in bazi ta' dawn il-provi, l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal sabiex tikkonkludi kif fil-fatt ikkonkludiet.

Ghalhekk, il-Qorti qed tilqa' l-appell ta'Robert Scerri w tirrevoka s-sentenza appellata, u tilliberah minn kull imputazzjoni, piena w htija, b'dan ukoll li qed tirrevoka wkoll kull ordni ta'konfiska moghti mill-ewwel Qorti.

Aldo Testone
Deputat Registratur